# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 11 ta' Lulju 2024**

**Rikors numru 407/2023**

**Avukat Peter Fenech nomine bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta Logika BG Ltd. VAT 203557227**
**vs.**
**Express Logigroup Limited (C-58205)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat iż-żewġ rikorsi separati tar-rikorrent Avukat Dottor Peter Fenech bħala mandatarju speċjali:
   (a) tas-soċjeta' Logica BG Limited u
   (b) tas-soċjeta Gold Service Srl

   it-tnejn datati datat 12 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti tawtorizzah sabiex mill-flejjes kontenuti fiċ-ċedoli ta' depożitu numri 2186/2018, 2026/2019, 1537/2019, 2218/2012 u 786/2021 li kienu ġew depożitati taħt l-awtorita ta' din il-Qorti fl-ammont ta' sittax il-elf mitejn u disa euro tnejn u tletin ċenteżmi (€16,209.32) jiżbanka:
   (a) kwantu għas-soċjeta Logica BG Limited is-somma ta' erbat elef ħames mija tmienja u tletin euro (€4538) rappreżentanti l-bilanċ tal-kreditu tas-soċjeta rikorrenti dovut lilha mis-soċjeta intimata; u

(b) Kwantu għas-soċjeta Gold Service Srl is-somma ta’ sitta u tletin elf, sitt mija ħamsa u tletin euro tletin ċenteżmu (€36,635.30) rappreżentanti l-kreditu tas-soċjeta rikorrenti dovut lilha mis-soċjeta intimata f’sorte, imgħax u spejjeż;

U f’każ t’oġġezzjoni da parti tal-kredituri l-oħra tordna l-ftugħ tal-konkors tal-kredituri;

2. kif ukoll id-digrieti ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta’ Mejju 2022 fejn hija kienet ordnat in-notifika lill-kredituri magħrufa għar-rikorrenti bi tmint ijiem żmien għar-risposta;

3. Rat ir-risposti ta’ John Ripard & Son (Shipping) Limited fiż-żewġ rikorsi msemmija;

4. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 t’April 2023, li permezz tiegħu din il-Qorti ordnat lir-Reġistratur sabiex a tenur tal-artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta joħroġ avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, f'gazzetta waħda bil-Malti u f'gazzetta waħda bl-Ingliż fejn jgħarraf li:

   i) Saru d-depożiti msemmija kif ukoll jindika l-pretensjonijiet dedotti fir-rikorsi msemmija u fejn isejjaħ lil kull min jista' jkollu interess sabiex iġib il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.
   ii) Meta jagħlaq iż-żmien ta' xahar ebda persuna li ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tkunx tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża fejn dawk li jkunu dehru.
   iii) Din il-Qorti kienet sejra żżomm udjenza nhar il-15 ta' Gunju 2023 fid-9.00 li fiha l-partijiet kollha interessati li jkunu ġiebu l-quddiem il-pretensjonijiet tagħhom kif premess, għandhom jidhru għas-smigħ tal-kawża.

5. Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tal-15 ta’ Mejju 2023, li permezz tagħha eżebixxa estratti tal-Gazzetta tal-Gvern u tal-Gazzetti lokali.

6. Rat li in eżekuzzjoni ta’ dak li jgħid l-artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2023, il-Qorti awtorizzat in-notifika bil-purtier, u f'każ ta' eżitu negattiv, bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta waħda lokali.

7. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023, l-avukat Dr. Simon Galea Testaferrata għal **Yellow Pages Malta Limited** iddikjara li kien qed jagħti ruħu b'notifikat għalihom u informa lill-Qorti li se jitlob jintervjeni fl-atti ta' dan il-konkors. Jirriżulta li din il-kumpanija kienet ġiet notifikata bl-avviż ai termini tal-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fit-22 ta' Settembru 2023. Din il-kumpanija kienet ukoll ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta intimata. Hija allura ġiet notifikata bl-avviż fis-sensi tal-artikolu 416(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kien għalhekk li b'rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2023 **Yellow Pages Malta Limited** talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tintervjeni *in statu et terminis* f'din il-proċedura sabiex tħares l-interessi tagħha kif spjegat f'dan ir-rikors. Ma dan ir-rikors, hija eżebiet kopja ta' ittra uffiċjali fis-sensi tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta maħurġa kontra s-soċjeta intimata u Jonathan Vella datata 29 ta' Marzu 2021, kif ukoll kopja tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv datat 1 ta' Novembru 2021.

8. Rat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023, meta ssejjaħ il-konkors ta' kredituri deher Dr. Raphael Fenech Adami li għal kull buon fini ta ruħu b'notifikat għar-rappreżentant tiegħu Jonathan Vella u ta ruħu b' notifikat ukoll għal **Express Logigroup Limited**.

9. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024 il-Qorti ġiet infurmata mir-rikorrent nomine li l-kredituri (li kienu magħrufa għalih) kienu ġew kollha notifikati.

10. Intant il-Qorti rat li għalkemm ġew notifikati wkoll Kenneth Vella għal **JK Pace Co Limited**, Abdel Karim għal **Unique Trading Limited** u **John Ripard & Son (Shipping) Limited**, dawn ma resqu ebda talba fl-atti ta' dawn il-proċeduri wara n-notifika fis-sensi tal-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Rat in-nota ta' **Yellow Pages Malta Limited** ippreżentata fit-8 ta' Frar 2024, li permezz tagħha ai fini tal-verbal tal-udjenza datata 15 ta' Jannar 2024, ippreżentat affidavit ta' Roberta Muscat li bih ikkonfermat li s-soċjeta minnha rappreżentata kienet kreditriċi tas-soċjeta intimata u Jonathan Vella fl-ammont ta' €1006.44 oltre imgħaxijiet u spejjeż.

12. Rat li fil-25 ta' Marzu 2024, l-Avukat Peter Fenech esebixxa nota markata Dok PFX1 bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Gold Service; Dok GS1 sa Dok GS3 nota mmarkata Dok PFX2 bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Loġika BG Limited Dok LGB1 sa Dok

LGB3. Esebixxa wkoll dokument immarkat bħala Dok PFX3. Bis-saħħa ta’ dawn id-dokumenti Dr. Fenech wera li s-soċjetajiet minnu rappreżentati kienu kredituri kanonizzati bis-saħħa ta’ żewġ sentenzi finali li ġew segwiti bl-iskrizzjoni tal-ipoteki ġudizzjarji li jġibu n-numri:

(a) 17921 tal-2019 kwantu għas-soċjeta Logika BG Limited; u
(b) 18043 tal-2019 kwantu għas-soċjeta GoldService srl.

13. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

14. Rat li fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2024, Dr. Peter Fenech iddikjara li m'għandux iżjed provi xi jressaq f'dan il-każ. Dr Fenech Adami ddikjara wkoll li m'għandux iżjed provi x’iressaq f'dan il-każ, u il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. KUNSIDERAZZJONIJIET

15. L-artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi hekk:

> “Meta fil-qrati superjuri jew fil-qorti tal-Maġistrati Għawdex fil-kompetenza tagħha superjuri, ikunu ġew iddepożitati flus, fuqhom iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor, il-qorti fuq rikors ta' wieħed minn dawk il-pretendenti tordna bil-mezz tar-reġistratur, li, f’gazzetta waħda jew iżjed, fosthom f'kull każ il-gazzetta tal-Gvern, jiġi maħruġ avviż li jgħarraf dak id-depożitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u li jsejjaħ lil kull min jista' jkollu interess sabiex iġib il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar; u meta jagħlaq dak iż-żmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru.

16. Dan l-artikolu jfisser li kull min irid jikkonkorri fuq il-flus iddepożitati fil-Qorti għandu fiż-żmien prefiss, jippreżenta rikors u fih jitlob li l-kreditu tiegħu jiġi gradwat dwar il-flus.[1]

17. Fis-sentenza **Michael Attard Limited vs. Lee Nathan Mayne** (806/2013) deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fl-14 ta’ Mejju 2015, il-Qorti iċċitat b'approvazzjoni sentenza oħra ta' din il-Qorti mogħtija fi proċediment numru 469/1998 fis-27 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Konkors tal-kredituri ta' Joseph Ellul** fejn il-Qorti kienet qalet:

[1] Ara **Lawrence Farrugia et vs. Portelli & Pisani Limited et** (123/2007) deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fl-20 ta’ April 2009.

Effettivament mill-atti proċesswali ma jirriżultax li kien hemm kredituri oħra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur tagħha, is-soċjetà rikorrenti kienet ippremetiet illi hija ma setgħetx tiżbanka l-ammont kanonzzat favur tagħha 'peress illi terzi persuni jidhrilhom li għandhom jedd' fuq il-bilanċ tas-somma ddepożitata.

Kif ġustament relevat mill-imsemmi kuratur fin-nota tiegħu il-proċedura ittentata ma tilħaqx u ma tissodisfax ir-rekwiżit bażiku tal-artikolu 416(1) Kapitolu 12, fis-sens li il-konkors tal-kredituri jirrekjedu almenu iżjed minn żewġ persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depożitati.

18. F'dan il-każ jirriżulta li kien iżjed minn żewġ persuni li pretendew jedd fuq il-flus depożitati.

19. Dr Peter Fenech deher bħala mandatarju speċjali għal Loġika BG Group Limited kif ukoll bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Gold Services srl. Fid-dokument Dok PFX2 l-Avukat Peter Fenech esebixxa l-pretensjonijiet fir-rigward ta' Loġika BG Limited, u kopja ta' iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali ġudizzjarji iskritta fit-3 ta' Diċembru 2019, u l-kreditu, kif kanonizzata il-każ deċiż 75/2018 fid-9 ta' Mejju 2018.

20. L-istess Avukat Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Gold Services srl esebixxa Dok PFX1 fejn tidher l-iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali ġudizzjali iskritta fl-4 ta' Settembru 2019, kif ukoll, li l-kreditu pretiż ġie kanoniżżat bil-każ 1064/18 TA fl-ismijiet Avukat Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà Gold Service srl vs. Express Logigroup Limited, liema sentenza ġiet deċiża fl-24 ta' Ġunju 2019. Dan kollha jinsabu esebiti fl-atti tal-każ.

21. Imbagħad saret it-talba minn Yellow Pages Malta Limited b'rikors biex tintervjeni f'dan il-każ li ġie preżentat fil-5 t'Ottubru 2023. Din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat in-notifika ta' dak ir-rikors lil kontroparti bi żmien tmint ijiem għar-risposta. Roberta Muscat, Finance Manager ma' Yellow Pages Malta Limited xehdet a fol 65 minn fejn jirriżulta li wieħed mill-klijenti tal-kumpanija, Jonathan Vella ta' Express Logigroup Limited, kien għamel diversi ordnijiet sabiex jirreklama fuq il-Yellow Pages, iżda għalkemm ingħatalu s-servizz huwa baqa' ma ħallasx u kien għad fadallu bilanċ ta' elf u sitta Ewro u erbgħa u erbgħin ċentezmu (€1006.44) dovut lil kumpanija Yellow Pages Malta. B'hekk din il-kumpanija ġiet kanonizzata kreditriċi fl-ammont pretiż minnha in segwitu għal ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

datata 29 ta' Marzu 2021 eżebita a fol 24. Wara inħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 2276/21 eżebit a fol 26 u li minkejja dan, id-debitu xorta ma ġiex saldat.

22. Irid jingħad li r-rikors ta’ Yellow Pages Malta Limited ma sarx entro t-terminu stabbilit fl-artikoli 416 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iż-żmien prefiss huwa dak ta’ xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviżi fis-sensi tal-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Filwaqt li l-pubblikazzjoni tal-avviż fis-sensi tal-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ġiet ordnat bid-digriet tat-18 t’April 2023, il-pubblikazzjoni skont l-istess artikolu ġiet konkluża bil-publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern tat-2 ta’ Mejju 2023 u bil-pubblikazzjoni f’ġurnal bil-Malti u ieħor bl-Ingliż tal-4 ta’ Mejju 2023.

23. L-iskop ta’ dak l-avviż huwa dupliċi :

(a) li jgħarraf b’dak id-depożitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu; u fl-istess waqt
(b) isejjaħ lil kull min jista' jkollu interess biex iġib il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar.

24. Iżda mbagħad meta jagħlaq dak iż-żmien ta’ xahar, ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru.[2]

25. Apparti minn hekk, il-Liġi teħtieġ li kull min ikun irid jikkonkorri fuq il-flus iddepożitati fil-Qorti, **<u>għandu</u>**, fiż-żmien li jmiss – iġifieri f’dak iż-żmien ta’ xahar mill-pubblikazzjoni tal-avviżi - jippreżenta rikors u fih jitlob li l-kreditu tiegħu jiġi gradwat dwar il-flus.[3] F’dak iż-żmien ta’ xahar min ikollu pretensjoni jista’ jipparteċipa bil-preżentata tar-rikors biex jikkonkorri. Iżda wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi f’dak l-artikolu 416(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta – iġifieri żmien ta’ xahar mill-pubblikazzjoni tal-avviż – il-proċess jingħadd magħluq bil-preżentata tar-rikors ta’ kull wieħed mill-konkorrenti.[4] Il-Liġi donnha tippreżumi li f’dawn il-proċeduri – li minn natura tagħhom għandhom jitmexxew b’ċerta speditezza – it-terminu ta’ xahar prefiss mill-Qorti skont l-artikolu 416(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa biżżejjed mhux biss biex jilħaq jiġi pubblikat l-

[2] Artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[3] Artikolu 418 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[4] Artikolu 420 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

avviż iżda wkoll sabiex jiġu notifikati bih il-kreditur eżekutant u kull kreditur ieħor li fuq talba tiegħu ikun inħareġ mandat ta' sekwestru.

26. Dil-Qorti tifhem li dawn it-tnejn tal-aħħar ikunu interessati li jikkonkorru. B'hekk jekk xi wieħed minnhom jiġi notifikat bl-avviż **wara** li jkun skada t-terminu ta' xahar stabbilit fl-artikolu 416(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li **jkun wera interess** billi jkun ippreżenta talba biex jikkonkorri wara li jkun skada dak it-terminu, huwa ma għandux jiġi preġudikat minħabba li ma jkunx ġie notifikat qabel l-iskadenza tat-terminu tax-xahar impost mill-artikolu 416(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġaladarba l-obbligu tan-notifika lilu jiskatta mill-artikolu 416(4) tal-istess Kap.

27. Altrimenti li kieku l-Liġi riedet tqis li kulħadd ikun notifikat bis-sempliċi pubblikazzjoni tal-avviż, kienet tgħid dan espressament u ma kienx ikun hemm ħtieġa prattika biex tgħid li tali kredituri jkunu jridu jiġi speċifikament notifikati b'dak l-avviż.

28. Dan allura jfisser li din il-Qorti tista tqis it-talba ta' Yellow Pages Malta Limited għall-fini ta' din il-konkorrenza, anke jekk it-talba tagħha saret wara ż-żmien ta' xahar mill-pubblikazzjoni tal-avviż, iżda fi żmien xahar minn meta ġiet notifikata bih.

29. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li l-krediti ta' Logika BG Limited kif ukoll dawk ta' Gold Service srl huma sorretti minn ipoteki ġudizjali, kif iżjed il-fuq imfisser, mentri l-kreditu ta' Yellow Pages Malta Limited ma hux hekk ukoll sorrett minn tali ipoteka.

30. Għalhekk, il-gradazzjoni tal-krediti konkorrenti f'dan il-każ għandha ssir kif ser jingħad:

**Fl-ewwel grad**

Kreditu ta' Logika BG Limited fl-ammont ta' erbat elef ħames mija tmienja u tletin Ewro €4,538.00 kif premess fir-rikors ta' 12 ta' Mejju 2022, fol 10, fejn ġie sostnut li għadha dovuta din is-somma, peress li diġa tħallas l-ammont ta' ħdax il elf disa' mija sitta u tmenin Ewro u sebgħin ċentezmu (€11,986.70).[5]

**Fit-tieni grad**

Kreditu ta' Gold Service srl fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf tlett mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€27,328.40).

[5] Ara fol 10.

**Fit-tielet grad**
Kreditu ta' Yellow Pages Malta Limited fl-ammont ta' ta' elf u sitta Ewro u erbgħa u erbgħin ċentezmu (€1006.44).

31. Għaldaqstant, kif premess fir-rikorsi tat-12 ta' Mejju 2022, permezz ta' diversi ċedoli sureferiti numerati 2186/2018, 2026/2019, 1537/2019, 2218/2012 u 786/2021 ġew iddepożitati s-somma ta' sittax il elf mitejn u disa' Ewro u tnejn u tletin ċentezmu €16,209.32. B'hekk il-kreditu ta' Gold Service srl jista' jiġi sodisfatt biss parzjalment. Dak ta' Yellow Pages Malta Limited mhux possibbli li jkun sodisfatt mill-bilanċ rimanenti.

# Deċide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tiddeċiedi r-rikors billi :**

**(a) Tilqa' t-talba ta' Logika BG Limited b'mod li l-kreditu tagħha fl-ammont ta' erbat elef ħames mija tmienja u tletin Ewro (€4,538.00) għandu jitqies li jippregradwa il-krediti tal-konkorrenti l-oħra u b'hekk tawtorizzaha sabiex tiżbanka l-ammont fuq mitlub fl-intier tiegħu mill-imsemmija ċedoli;**

**(b) Tilqa' parzjalment it-talba ta' Gold Service srl b'mod li tqis li l-kreditu tagħha jiġi gradat wara dak ta' Logika BG Limited u għalhekk stante li mill-bilanċ rimanenti depożitat fiċ-ċedoli ta' depożitu de quo wara li jitnaqsu l-ammonti tal-kreditur ta' Logika BG Limited jifdal l-ammont ta' ħdax il-elf sitt mija wieħed u sebgħin euro tnejn u tletin ċenteżmu (€11,671.32), il-kreditu ta' Gold Service srl jista' jiġi biss saldat parzjalment, u għalhekk tawtorizza lil Gold Service srl sabiex tiżbanka l-imsemmija bilanċ tas-somom depożitati fiċ-ċedoli suriferiti wara li jkun inqata' u tħallas il-kreditu pregradat ta' Logika BG Limited; u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ammont bilanċjali dovuta lilha mingħand is-soċjeta intimata.**

**(c) Tilqa' t-talba ta' Yellow Pages Malta Limited sabiex tikkonkorri f'dan il-konkors, iżda stante li l-krediti ta' Logika BG Limited u Gold Service srl jiggradaw qabel il-kreditu tagħha tiddikjara li l-ammonti depożitati fiċ-ċedoli de quo mhux biżżejjed sabiex**

**jissodisfaw il-kreditu ta' din is-soċjeta l-anqas, in parti; b'dan li l-jeddijiet tagħha versu s-soċjeta intimata jibqgħu impreġudikati.**

**L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**